ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2018 TAL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI UE-SERBJA

tat-8 ta' Mejju 2018

dwar il-parteċipazzjoni tas-Serbja bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-modalitajiet rispettivi tagħha, fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 [2018/1228]

IL-KUNSILL TA' STABBILIZZAZZJONI U ASSOĊJAZZJONI UE-SERBJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra ([1]),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 28 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew tal-Lussemburgu ta' Diċembru 1997 stabbilixxa li l-parteċipazzjoni fl-aġenziji tal-Unjoni tkun mezz li jaċċelera l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew jgħidu li l-"aġenziji tal-Unjoni li fihom ikunu jistgħu jipparteċipaw il-pajjiżi applikanti jiġu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ".

(2) Is-Serbja tikkondividi l-għanijiet u l-objettivi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (l-"Aġenzija") u tassoċja ruħha mal-ambitu u d-deskrizzjoni tal-ħidmiet tal-Aġenzija, kif previsti fir-Regolament (KE) Nru 168/2007.

(3) Huwa xieraq li l-Aġenzija tkun tista' tittratta kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 fis-Serbja sa fejn ikun meħtieġ għall-allinjament gradwali tagħha mad-dritt tal-Unjoni.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li s-Serbja titħalla tipparteċipa bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija u jenħtieġ li l-modalitajiet għal din il-parteċipazzjoni jiġu definiti, inklużi dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni f'inizjattivi meħuda mill-Aġenzija, il-kontribuzzjoni finanzjarja u l-persunal.

(5) Skont il-punt (a) tal-Artikolu 12(2) u l-punt (a) tal-Artikolu 82(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([3]), id-Direttur tal-Aġenzija jista', b'mod eċċezzjonali, jawtorizza l-ingaġġar ta' ċittadini tas-Serbja li jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom bħala ċittadini tali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Serbja, bħala pajjiż kandidat, għandha tipparteċipa bħala osservatur fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 168/2007.

Artikolu 2

1. L-Aġenzija tista' tittratta kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 fis-Serbja sa fejn ikun meħtieġ għall-allinjament gradwali tagħha mad-dritt tal-Unjoni.

2. Għal dak l-għan l-Aġenzija tista' twettaq fis-Serbja l-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

([1]) ĠU L 278, 18.10.2013, p. 16.
([2]) ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

Artikolu 3

Is-Serbja għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-attivitajiet tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. Is-Serbja għandha taħtar persuni li jissodisfaw il-kriterji previsti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 bħala osservatur u sostitut, rispettivament. Huma jistgħu jipparteċipaw fil-ħidma tal-Bord ta' Tmexxija fuq bażi ugwali mal-membri u s-sostituti maħtura mill-Istati Membri, iżda mingħajr id-dritt tal-vot.

2. Is-Serbja għandha tinnomina uffiċjal tal-gvern bħala l-Uffiċjal Nazzjonali ta' Kuntatt, kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.

3. Fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, is-Serbja għandha tinforma lill-Kummissjoni Ewropea bl-ismijiet, il-kwalifiki u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 5

Id-dejta pprovduta lil, jew derivanti minn, l-Aġenzija tista' tiġi ppubblikata u għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, bil-kundizzjoni li l-informazzjoni kunfidenzjali tingħata l-istess grad ta' protezzjoni fis-Serbja hekk kif tingħata fl-Unjoni.

Artikolu 6

L-Aġenzija għandha tgawdi fis-Serbja l-istess kapaċità legali bħal dik mogħtija lill-entitajiet legali skont il-liġijiet tas-Serbja.

Artikolu 7

Sabiex l-Aġenzija u l-persunal tagħha jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom, is-Serbja għandha tagħtihom il-privileġġi u l-immunitajiet identiċi għal dawk stabbiliti fl-Artikoli minn 1 sa 4, 5, 6, minn 10 sa 13, 15, 17 u 18 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 8

Kull waħda mill-Partijiet għandha tieħu kull miżura ġenerali jew speċifika li tkun meħtieġa sabiex ikunu sodisfatti l-obbligi tagħha skont din id-Deċiżjoni u għandha tinnotifikahom lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Mejju 2018.

Għall-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni UE-Serbja

Il-President

J. JOKSIMOVIĆ

ANNESS

KONTRIBUZZJONI FINANZJARJA TAS-SERBJA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas mis-Serbja għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea biex tipparteċipa fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (l-"Aġenzija"), kif stipulat fil-punt 2, tirrappreżenta l-ispiża sħiħa tal-parteċipazzjoni tagħha fiha għall-ewwel tliet snin. Mir-raba' sena 'l quddiem, l-ammonti jiġu determinati skont il-punt 6.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas mir-Repubblika tas-Serbja għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-ewwel tliet snin għandha tkun kif ġej:

Sena 1:	EUR 180 000
Sena 2:	EUR 183 000
Sena 3:	EUR 186 000

3. L-appoġġ finanzjarju possibbli mill-programmi ta' assistenza tal-Unjoni jiġi miftiehem separatament skont il-programm tal-Unjoni rilevanti.

4. Il-kontribuzzjoni tas-Serbja tkun amministrata skont ir-Regolament Finanzjarju ([1]) applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

5. L-ispejjeż tal-ivjaġġar u tal-għajxien tar-rappreżentanti u l-esperti tas-Serbja għall-iskopijiet tal-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-Aġenzija jew f'laqgħat relatati mal-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għandhom ikunu rimborsati mill-Aġenzija fuq l-istess bażi bħal, u skont il-proċeduri li huma bħalissa fis-seħħ għal, l-Istati Membri tal-Unjoni.

6. Wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u fil-bidu ta' kull sena sussegwenti, il-Kummissjoni tibgħat lis-Serbja talba għall-fondi li jikkorrispondu għall-kontribuzzjoni tagħha lill-Aġenzija skont din id-Deċiżjoni. Għall-ewwel sena kalendarja tal-parteċipazzjoni tagħha, is-Serbja tħallas kontribuzzjoni kkalkulata mid-data tal-parteċipazzjoni sa l-aħħar tas-sena fuq bażi *pro rata*. Għas-snin ta' wara, il-kontribuzzjoni tkun skont it-tabella taħt il-punt 2 ta' dan l-Anness. Mir-rabà sena 'l quddiem, il-kontribuzzjoni tiġi adattata fid-dawl ta' kull żieda jew tnaqqis tas-sussidju tal-Aġenzija sabiex iżżomm l-analoġija bejn il-kontribuzzjoni għas-Serbja u l-baġit tal-Aġenzija għall-EU-28. Il-kontribuzzjoni tista' tiġi riveduta wkoll fis-snin finanzjarji segwenti fuq il-bażi tal-aħħar dejta statistika ppubblikata mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat).

7. Din il-kontribuzzjoni għandha tkun espressa f'EUR u mħallsa f'kont bankarju tal-EUR tal-Kummissjoni.

8. Is-Serbja tħallas il-kontribuzzjoni tagħha skont it-talba għal fondi għall-parti tagħha sa 30 jum wara li t-talba għall-fondi tintbagħat mill-Kummissjoni.

9. Kull dewmien fil-ħlas tal-kontribuzzjoni għandu jġib miegħu ħlas ta' imgħax mis-Serbja fuq l-ammont pendenti mid-data li fih ikun dovut. Ir-rata tal-imgħax tikkorrispondi għar-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew, fid-data li fiha l-ħlas ikun dovut, għall-operazzjonijiet tiegħu f'EUR, biż-żieda ta' 1,5 punt perċentwali.

([1]) Ir-Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).